32004D0058

L 12/50 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 17.1.2004

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-23 ta' Diċembru 2003

## dwar l-issoktar fis-sena 2004 tal-provi u testijiet komparattivi Komunitarji fuq materjal ta' tnissil u ppjantar ta' Prunus domestica taħt id-Direttiva tal-Kunsill 92/34/KEE mibdijin fl-2003

(2004/58/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/34/KEE tat-28 ta' April 1992 dwar it-tqegħid fis-suq ta' materjal ta' tnissil ta' pjanti tal-frott u pjanti tal-frott, intenzjonati għal produzzjoni tal-frott ([1]),

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/745/KE tal-5 ta' Settembru 2002 li tiġbor l-arranġamenti għal provi u testijiet komparattivi Komunitarji dwar materjal ta' tnissil u ppjantar ta' pjanti tal-fortt taħt id-Direttiva tal-Kunsill 92/34/KEE ([2]), u b'mod patikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 2002/745/KE tiġbor l-arranġamenti għal provi u testijiet komparattivi li għandhom jitwettqu taħt id-Direttiva 92/34/KEE fir-rigward ta' Prunus domestica mill-2003 sa l-2007.

(2) Testijiet u provi mwettqa fl-2003 għandhom jissoktaw fl-2004,

IDDEĊIDIET DAN LI ĠEJ:

*Artikolu uniku*

Provi u testijiet komparattivi Komunitarju li bdew fl-2003 fuq materjal għal tnissil u ppjantar ta' Prunus domestica għandu jissokta fl-2004 skond id-Deċiżjoni 2002/745/KE.

Magħmul fi Brussel, fit-23 ta' Diċembru 2003.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 157, ta' l-10.6.1992, p. 10. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2003/61/KE (ĠU L 165, tat-3.7.2003, p. 23).

([2]) ĠU L 240, 07.09.02, p. 65.